**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

**MINUTI**

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru.** 88/2017 tat-Tieni Amministrazzjoni

Data: 20 ta' Marzu 2017

Ħin: 18.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

---

Preżenti :-
**Chev Paul Farrugia** – President, Sindku Tarxien
**Sur Lawrence Attard** - Kunsillier Birgu
**Sinj. Alison Zerafa Civelli** – Sindku Bormla
**Sinj. Davinia Sammut** – Sindku Floriana
**Sur Clive Pulis** – Vici Sindku Isla
**Sra Speranza Chircop** – Sindku Kalkara
**Sur Domenic Grima** – Sindku Paola
**Sur Vincent Farrugia** - Kunsill Lokali Valletta
**Sur Marc Vella Bonnici** - Sindku Zabbar
**Sna Antonella Galea** – A/Segretarju Eżekuttiv

Skużati :-
Kunsill Lokali Fgura
Kunsill Lokali Marsaxlokk
Kunsill Lokali Xgħajra

Assenti :-
Kunsill Lokali Marsascala
Kunsill Lokali Marsa
Kunsill Lokali Zejtun

---

## AĠENDA

88.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
88.3 Komunikazzjoni mill-President;
88.4 EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021
88.5 URBACT
88.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;
88.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 67/2017;
88.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## 88.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li kienu bgħatu jinfurmaw sabiex ikunu skużati mill-laqgħa, l-Kunsilli ta' Fgura, Marsaxlokk u Xgħajra.

i.i Il-Kumitat Reġjonali ħa nota u approva li jkunu skużati mill-laqgħa l-Kunsilli ta' Fgura, Marsaxlokk u Xgħajra.

## 88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Peress li l-Minuti tal-Laqgħat numru 87/2017 miżmuma fl-20 ta' Marzu 2017 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

## 88.3 Komunikazzjoni mill-President

Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

i. Dwar il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion, il-President Paul Farrugia, nforma lis-Sinjuri membri li reġa kelna battibekk ieħor. Dan għaliex Joan Mangion marret tirraporta lil A/Seg. Eżek lill-PSC. Sadanittant il-President żied jispjega li waqt laqgħa li għaliha kien preżenti id-Direttur Ġenerali Natalino Attard, mar ikkonfrontah lil Natalino Attard u qallu għaliex Joan Mangion qatt ma kienet ġiet mressqa u minflokk kienet ser titressaq l-A/seg. Eżek. li kienet qed tagħmel xogħolha. Is-sur Natalino Attard qallu li kien ser jikkuntattja lill-Ispettur hu sabiex jibqa għaddej bl-investigazzjoni. Il-President qal li sa din il-laqgħa kien reġa kelmu lura s-Sur Natalino u qallu li Joan kienet ser tiġi nvestigata wkoll.

**i.i** Sadanittant il-President informa lill-Kumitat li minħabba pendenzi u nuqqasijiet li kienet għamlet u li kienet ħalliet warajha Joan Mangion saħansitra hu flimkien mal-A./Seg. Eżek. kellhom anke jidhru d-DoC minħabba tender li kienet ħarġet u ma kienet qatt ġiet aġġudikata. Żied jgħid il-President li għal din it-tender ir-Reġjun Xlokk ġa kellu kuntrattur li kien ġa beda xi xogħol relatat li pero s-Sinj. Joan Mangion kienet qabdet u waqfet.

ii. Il-President nforma lill-Kumitat li wara d-deċiżjoni li kienet ittieħdet minnhom fl-aħħar laqgħa qal li sadanittant il-LESA kienu ħallsuna madwar €29,000. Qal ukoll li għandu tagħrif peress li hu anke Viċi President tal-AKL li jidher li fi żmien qarib ser jagħtuna miljun ewro biex jinqasam bejn it-Reġuni. LESA

ii.i. Is-Sindku tal-Furjana rrapurtat li l-LESA kienu talbuhom biex l-iskema tal-parkeġġ tkun għall-uffiċini wkoll. Huma ma qablux u l-President talabha biex problemi bħal dawn tgħaddihom lilna bħala Reġjun u jitkellem hu għalihom anke fl-AKL.

## 88.4 EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021

EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021

**i.** Il-President Paul Farrugia ressaq dokument dwar fondi relatati mal-**EEA &**

**NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021 fejn spjega** li elegibbli hemm 4 Reġjuni u l-għan għal dawn il-fondi huwa l-Inklużjoni Soċjali, ix-Xogħol fost iż-Żgħażagħ kif ukoll it-tnaqqis tal-Faqar.

**i.i** Il-President kompla jispjega li bħala użu ta' dawn il-fondi kif ukoll dawk diġa mogħtija għall-ESC Plan, qed jissuġġerixxi li fir-Reġjun jkollna *Reachout Centre*.

*Is-Sindku Speranza Chircop irtirat fis-19:10*

*Il-Viċi Sindku Clive Pulis attenda fis-19:12*

i.ii Il-President ssuġerixxa li dan ċentru jsir ġewwa Ħal Tarxien u dan għaliex qal li l-art ġa kienet ġiet devoluta lilna.

i.iii Sindku ta' Paola staqsa fejn tinsab l-art u talab li jara pjanti anke ħabba residenti tal-akkwata peress li din l-art in kwistjoni tinsab fil-konfini ma' Raħal Ġdid.

i.iv Saret diskussjoni dwar dan il-proġett u il-Kunsillier tal-Belt Valletta ssuġġerixxa li jiġi ppreparat rapport x'jista jkun fih dan il-bini bħala idejat. Imbagħad wara jiġi ppreżentat quddiem Reġjun sabiex jiġi diskuss aktar fid-dettal.

i.v Il-President qal li jekk il-Kumitat kien qed jaqbel li mmexxu bil-proġett kellha tinħareġ sejħa għall-Perit speċifikament għal dan il-proġett.

i.vi. Il-President nforma lill-Kumitat li kien talab lid-DLG biex jikkonsidra li jinħoloq pool ta' professjonisti li jkollhom ħlas bil-caping. Qal li d-Direttur kien wieġbu li tali proposta kien ser jiddiskutuiea. Il-President reġa sostna li dawn il-professjonijiet qatt ma kienu ser jindaħlu jew jidħlu fix-xogħol tal-Kunsilli Lokali.

i.vii Is-Sindku tal-Floriana staqsiet x'għandom jagħmlu biex japplikaw għal dawn il-Fondi Norveġiżi.
Il-President wieġeb li kull Kunsill membru jrid jiġi bi brief report/idejat u jressqu għand ir-Reġjun biex b'hekk ir-Reġjun jgħaddih għand Bord apposta sabiex jiġi diskuss.

i.viii Il-Kunsillier tal-Belt Valletta staqsa kif kienu ser jinqasmu l-fondi. Il-President spjega li kull Kunsill jressaq proposti imbagħad bħala Reġjun imorru quddiem il-Board u jiddiskuti l-proġetti magħhom. Ikun il-Board li jiddeċiedi u mhux ir-Reġjun liema proġetti jintgħażlu. Il-fond globali huwa ta' 1.2 miljun ewro żied jispjega l-President.

i.ix Is-Sindku tal-Furjana staqsiet jekk kienx hemm xi deadlines biex tali applikazzjonijiet jiġu sottomessi? Il-President spjega li kien għad m'hemmx deadlines pero iktar ma wieħed kien jaħseb kmieni iktar aħjar.

i.x Il-President spjega li lejliet tal-laqgħa tal-Kumitat Reġjoni kien sar il-tnedija tal-iSkemi Attivitajiet Kulturali. Dwar dan id-DLG kien bgħat ċirkolari - Ċirkulari 9/2017. Żied jispjega li bħala Skemi kien hemm 2 – waħda għal perjodu attwali sal-2017 u oħra għal perjodu ta' tlett snin. Il-President seħaq li importanti li kulħadd josserva d-deadlines.

i.xi Il-President informa lill-Kumitat Reġjonali Il-Kumitat Organizzattiv fi ħdan il-

Commonwealth Local Government Conference kien ser ikun qed jorganizza *study visits* li kienu ser ikunu miftuħa għad-delegati kollha li kienu ser jattendu l-Konferenza. Dawn l-*istudy visits* kienu ser isiru nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2017 wara nofsinhar bejn is-14:00 u l-17:00. L-għan ta' dawn l-*istudy visits* kien li l-kunsilli lokali Maltin u Għawdxin juru kif għamlu użu tajjeb minn fondi mogħtija mill-Unjoni Ewropea sabiex joħorġu bi proġetti sostenibbli li ħallew effett pożittiv ġewwa l-lokalità tagħhom. Bħala eżempju, dawn il-proġetti fost oħrajn jistgħu jinkludu proġetti li kellhom skop ta' turiżmu; kultura; edukattivi, riġenerazzjoni jew riabilitazzjoni ta' spażju miftuħa; elementi tradizzjonali; heritage trails; tisbieħ ta' żoni rurali; proġetti sportivi; proġetti immirati lejn iż-żgħażagħ, l-anzjani jew faxex ta' nies vulnerabbli fis-soċjetà, proġetti ta' rikreazzjoni u divertiment. Żied jispjega li kienu ser jintagħżlu ħames kunsilli lokali biex jospitaw dawn l-*istudy visits*. Kull kunsill lokali magħżul kien ser jingħata sa massimu ta' elfejn euro (€2 000) sabiex ikopri l-ispejjeż marbutin mal-istess attività. Id-dati għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet kien bejn is-17 ta' April u l-31 ta' Mejju 2017, filwaqt li l-Board ta' Evalwazzjoni kien ser jiltaqa' nhar it-30 ta' Ġunju 2017.

**88.5 Urbact** URBACT

i. Il-President Paul Farrugia spjega li kienu għadom għaddejjin bil-proġett tal-URBACT. Dawn il-laqgħat kienu qed isiru f'kull pajjiż li jipparteċipa fil-proġett. Il-President qal li hu kien lest li jibgħat biss lil min jipparteċipa fil-laqgħat tar-Reġjun.

i.i Huwa spjega li relatat ma' dan il-Proġett kellhom isiru aktar laqgħat u li dawn kellhom isiru fil-pajjiżi parteċipanti.

Pf seħaq li ser jagħżel lil min jattendi. Ser jipprova sindku paola u sindku kalkara.

Pf semma li ħaddiema assenjati hemm diskussjonijiet biex isir tim li jkun reġjonali.

*Ir-Rappreżentant għall-Kunsill Lokali Valletta rtira fis-7:40pm*

**88.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mir-Rappreżentanti

**88.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 67/2017;**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 67/2017 giet approvata u giet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti inkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**88.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:10hrs

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2017 fis-18:30pm

| | |
|---|---|
| ***(IFFIRMAT)*** | ***(IFFIRMAT)*** |
| ***Chev Paul Farrugia*** | ***Antonella Galea*** |
| ***President*** | ***A/ Seg. Eżek*** |